

Brussell, 22 ta' Ġunju 2026  
(OR. en)

10701/26  
ADD 1

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2025/0261 (COD)

---

CODEC 1220  
POLCOM 222  
COMER 108  
USA 26  
COTRA 54  
AGRI 511  
PECHE 249

**NOTA PUNT "I/A"**

|          |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                    |
|----------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:    | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                   |
| lil:     | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                      |
| Suġġett: | Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-aġġustament tad-dazji doganali fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti oġġetti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka u l-ftuħ ta' kwoti tariffarji għall-importazzjoni ta' ċerti oġġetti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka <b>(l-ewwel qari)</b><br>- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv<br>= Dikjarazzjonijiet |

**Dikjarazzjoni Konġunta mill-Parlament Ewropew u mill-Kummissjoni dwar il-mekkaniżmu ta' salvagwardja skont ir-Regolament (UE) 2026/... dwar l-aġġustament tad-dazji doganali fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti oġġetti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka u l-ftuħ ta' kwoti tariffarji għal importazzjonijiet ta' ċerti oġġetti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka**

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-importanza li l-Parlament Ewropew jagħti lis-segwitu mill-qrib tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-mekkaniżmu ta' salvagwardja li jippermetti s-sospensjoni tal-preferenzi mogħtija lill-Istati Uniti. Għal dak il-għan, jekk il-Parlament Ewropew jirrakkomanda li l-Kummissjoni tibda investigazzjoni ta' salvagwardja, il-Kummissjoni ser tivvaluta bir-reqqa jekk iċ-ċirkostanzi jiġġustifikawx bidu *ex officio* ta' investigazzjoni u ser tinforma lill-Parlament Ewropew dwar l-eżitu tal-valutazzjoni tagħha.

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar atti ta' implimentazzjoni skont ir-Regolament (UE) 2026/... dwar l-aġġustament tad-dazji doganali fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti oġġetti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka u l-ftuħ ta' kwoti tariffarji għal importazzjonijiet ta' ċerti oġġetti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka**

Il-Kummissjoni ser iżżomm lill-Parlament Ewropew infurmat regolament u ser tqis bis-sħiħ il-fehmiet tal-Parlament Ewropew qabel ma tippromponi att ta' implimentazzjoni skont dan ir-Regolament.

---